# Nota ta’ sfond għall-
# Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:
# L-Ilma u s-Sanità huma dritt tal-bniedem!

## Storja

Fil-Kungress tagħhom tal-2009, il-unjins tas-servizz pubbliċi Ewropej (EPSU – The European Public Service Unions) iddeċidew li jieħdu inizjattiva sabiex jiksbu miljun firma għall-ilma bħala dritt tal-bniedem. Din inkludiet: il-mobilizzazzjoni ta’ ħaddiema u ċittadini b'appoġġ ta’ dan id-dritt u kontra l-effetti negattivi tal-politiki ta’ liberalizzazzjoni u li jappoġġjaw il-kompetizzjoni li huma predominanti fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea u fost il-gvernijiet Ewropej. Il-Kummissjoni Ewropea finalment stabbilixxiet ir-regoli għal Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej f’Marzu 2011. Għal aktar dettalji dwar ir-regolament, ara: http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/welcome?lg=mt.

In-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxew id-dritt universali tal-bniedem għall-ilma u s-sanità. Fit-28 ta’ Lulju 2010, permezz tar-Riżoluzzjoni 64/292, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet b’mod espliċitu d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità u rrikonoxxiet li x-xorb ta’ ilma nadif u s-sanità huma fatturi importanti għall-kisba tad-drittijiet tal-bniedem kollha. Ir-Riżoluzzjoni titlob lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jipprovdu riżorsi finanzjarji, jgħinu fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija bil-għan li jiġi pprovdut ilma sikur, nadif, aċċessibbli u affordabbli kif ukoll sanità għal kulħadd.

Kull ċittadin għandu bżonn ta’ ilma tajjeb għax-xorb u ta’ sistema sikura ta’ sanità. In-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxew id-dritt universali tal-bniedem għall-ilma u s-sanità, iżda xorta waħda ħafna nies ma jgawdux minn dan id-dritt. Dan id-dritt irid jiġi implimentat ġewwa l-Unjoni Ewropea.

## X’irridu

1. Servizzi tal-ilma u tas-sanità garantiti għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea.
   Nemmnu li l-Unjoni Ewropea trid timplimenta d-dritt tal-bniedem għall-ilma fejn is-servizzi tal-ilma u tas-sanità huma soġġetti għal-liġi Ewropea (bħala servizz ta’ interess ġenerali). L-Unjoni Ewropea trid tippromwovi l-implimentazzjoni nazzjonali ta’ dan id-dritt billi tistabbilixxi miri vinkolanti għall-Istati Membri sabiex tinkiseb kopertura universali.
2. Id-Drittijiet tal-Bniedem jegħlbu l-interessi tas-suq: L-ebda liberalizzazzjoni tas-servizzi tal-ilma.

Irridu li l-UE tibdel l-attitudni tagħha mill-fokus attwali fuq il-kompetizzjoni u approċċ kompletament ibbażat fuq is-suq, għal attitudni lejn is-servizz pubbliku u approċċ ibbażat fuq id-drittijiet. L-ilma huwa riżorsa naturali limitata u prodott pubbliku fundamentali għall-ħajja u s-saħħa. Huwa monopolju ‘naturali’ u jrid jinżamm barra r-regoli tas-suq intern.

3. Aċċess Globali/Universali għall-ilma u sanità għal kulħadd.
Nemmnu li l-UE għandha tagħmel sforz akbar sabiex l-ilma u s-sanità jkunu jistgħu jitgawdew b’mod universali. L-UE trid tistabbilixxi miri u tagħmel il-kisba ta’ aċċess (globali) universali għall-ilma u s-sanità parti mill-politika ta’ Żvilupp tagħha. Billi tagħmel dan, l-UE tkun qed tippromwovi b’mod attiv li d-dritt għall-ilma u s-sanità jista’ jitgawda b’mod globali.

## Il-proposti tagħna lill-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità:

1. Li tuża d-Dritt tal-Bneidem għall-Ilma u s-Sanità fil-komunikazzjonijiet kollha dwar l-Ilma u/jew is-Sanità.
2. Li tiggarantixxi ilma (sikur, nadif u affordabbli) u servizz tas-sanità għall-popolazzjonijiet kollha fl-Istati Membri tal-UE.
3. Ma tibdilx is-servizzi tal-ilma f’servizzi kummerċjali billi l-ilma jiġi eskluż mir-regoli tas-suq intern. Dan jista’ jinkiseb permezz ta’ impenn tal-Kummissjoni Ewropea:
    - Li ma tilliberalizzax is-servizzi tal-ilma u s-sanità.
    - Li ma tinkludix is-servizzi tal-ilma u tas-sanità fil-Ftehimiet Kummerċjali bħas-CETA (Comprehensive Economic and Trade Agreement).
    - Li tippromwovi Sħubijiet Bejn l-Awtoritajiet Pubbliċi.
    - Li ddaħħal il-prinċipju li “l-ilma mhuwiex komodità” tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma f’kull politika tal-UE dwar l-ilma u f’dawk relatati mal-ilma.
    - Li tistipula li l-ħarsien tal-ambjent tal-ilma tagħna se jirbaħ fuq il-politiki kummerċjali.
    - Li tniedi programmi ta’ appoġġ għal persuni li ma jistgħux iħallsu l-kontijiet tal-ilma tagħhom, bil-għan li jiġi evitat li jinqata’ s-servizz għall-utenti.
    - Li tiżgura li l-kumpaniji privati tal-ilma li joperaw is-servizzi tal-ilma jipprovdu trasparenza assoluta u aċċess miftuħ rigward il-kuntratti tagħhom (mhemmx post għal kunfidenzjalità kummerċjali f’dan is-serviss pubbliku).
    - Li tippromwovi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini skont id-direttiva qafas dwar l-ilma.
4. Iżżid l-aċċess għall-ilma u s-sanità madwar id-dinja, billi tagħmel il-kisba ta’ aċċess universali għall-ilma u s-sanità bħala parti mill-politika ta’ żvilupp tal-UE u jingħata sehem ogħla f‘Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA - Official Development Assistance) allokata għat-titjib tas-servizzi tal-ilma u tas-sanità.
5. Tippromwovi s-sħubijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi (Sħubijiet bejn l-Operaturi tal-Ilma) fuq il-bażi ta’ prinċipji mhux għall-profitt u solidarjetà bejn l-operaturi tal-ilma u l-ħaddiema f’pajjiżi differenti.

6. Tistipula fil-liġi li l-kontroll fuq l-ilma u r-riżorsi tal-ilma jrid jibqa’ f’idejn awtoritajiet pubbliċi.
7. Jiġu appoġġjati kumpaniji tal-ilma, fl-UE u f’pajjiżi oħrajn li ma għandhomx biżżejjed kapital sabiex jestendu l-provvista tal-ilma u s-servizzi tad-drenaġġ għall-foqra mill-fondi tagħhom stess.
8. Jiġu appoġġati u jiġu promossi kumpaniji li jinvestu parti mill-fatturat tagħhom ta’ kull sena fi sħubiji ta’ operaturi tal-ilma f’pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (isegwu l-eżempju tal-Pajjiżi l-Baxxi u fi Franza).
9. Li jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' sistema ta’ valutazzjoni komparattiva volontarja għall-intrapriżi pubbliċi sabiex jiġu promossi servizzi tal-ilma ta’ kwalità għolja.
10. Jitfassal kodiċi ta’ governanza għall-kumpaniji tal-ilma fl-UE-27.

## Proċess

Twaqqaf il-Kumitat taċ-Ċittadini li huwa r-rappreżentant uffiċjali ta’ din l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-rekwiżit minimu huwa 7 persuni minn 7 pajjiżi Ewropej differenti. Għandna 34 rappreżentant minn 27 pajjiż tal-UE fejn se nagħmlu din il-kampanja. F’dawn il-pajjiżi kollha, stabbilixxejna gruppi nazzjonali għall-kampanji. Barra minn hekk, aħna sejrin nagħmlu kampanja f’pajjiżi oħrajn bħalma huma t-Turkija, il-Kroazja, ir-Russja u n-Norveġja sabiex nuru li din mhijiex biss kwistjoni fl-UE użda hija kwistjoni globali.

Il-kampanja tagħna se tkun kemm onlajn kif ukoll fit-toroq. Il-firem jistgħu jsiru fuq il-websajt tal-kampanja www.right2water.eu u fuq karti. Il-ġbir tal-firem se jibda hekk kif il-Kummissjoni Ewropea taċċetta l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tagħna. Sejrin nissottomettu l-proposta tagħna fl-1 ta’ April 2012, li hija l-ewwel ġurnata possibbli sabiex tiġi sottomessa Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

**22 ta’ Marzu 2012:** **Jum Dinji tal-Ilma; tnedija tal-websajt www.right2water.eu**

**1 ta’ April 2012:** **reġistrazzjoni / sottomissjoni tal-ECI**

**24-25 ta’ April 2012:** **konferma tar-reġistrazzjoni mistennija mill-KE = l-ewwel ġurnata għall-bidu tal-ġbir tal-firem! Avveniment sekondarju fil-Kumitat Eżekuttiv tal-EPSU**

**April 2012 – April 2013: Sena sabiex jinġabru miljun firma.**

## Organizzazzjonijiet ta’ appoġġ

Il-kampanja sejra ssir kemm onlajn kif ukoll fit-toroq. Qed infittxu nies li jappoġġjawna f’NGOs minn firxa ta’ sfondi, eż. ambjentali, organizzazzjonijiet soċjali u ta’ żvilupp, iżda anki f’organizzazzjonijiet tan-nisa, knejjes u kumpaniji pubbliċi (tal-ilma). Se jkollna bżonn anki appoġġ fi ħdan l-ispettru politiku u se jkollna bżonn individwi li huma ‘figuri pubbliċi’ sabiex ikunu ambaxxaturi għall-kampanja tagħna billi juru l-appoġġ tagħhom pubblikament.

**Ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-proċess li l-organizzaturi jridu jgħaddu minnu sabiex jippreżentaw ECI.**

a) L-għan tal-inizjattiva jrid ikun jaqa' taħt is-setgħat tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tipproponi leġiżlazzjoni skont it-Trattati u ma jkunx manifestament frivolu jew li jmur kontra l-valuri tal-Unjoni.

b) L-organizzaturi jridu jiffurmaw kumitat taċ-ċittadini ta' mill-inqas seba' membri u jaħtru rappreżentant wieħed u sostitut wieħed bħala persuni ta' kuntatt. Bħall-firmatarji futuri, dawn għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni eliġibbli għall-vot fl-elezzjonijiet Ewropej.

c) Qabel ma jinġabru l-firem, l-organizzaturi jridu jitolbu reġistrazzjoni tal-inizjattiva mal-Kummissjoni billi jużaw il-formola standard għal dan il-għan, filwaqt li jehmżu ġustifikazzjoni ulterjuri u test legali, jekk jixtiequ jagħmlu dan.

d) Fi żmien xahrejn, il-Kummissjoni jew tirreġistra l-inizjattiva jew tiċħadha, u tgħarraf lill-organizzaturi bir-raġunijiet u r-rimedji ġudizzjarji u extraġudizzjarji kollha miftuħa għalihom.

e) Irid jinġabar ammont sinifikanti ta' firem f'tal-inqas 7 Stati Membri. Għal kull pajjiż, dan l-ammont huwa daqs in-numru ta' siġġijiet li jkollu fil-Parlament Ewropew immultiplikat b'750.

f) Wara r-reġistrazzjoni u matul il-proċess, l-organizzaturi jridu jiddikkjaraw u jiżguraw trasparenza sħiħa dwar is-sorsi ta' finanzjament tagħhom.

g) Ikun possbbli li jinġabru firem onlajn jew fuq karti. L-organizzaturi jaffaċċjaw proċeduri nazzjonali differenti għar-reġistrazzjoni u l-verifika tal-firem. Minn 27 Stat Membru, 18 jeħtieġu n-numru tal-Karta tal-Identità jew tal-Passaport mal-firma, 9 le.

h) Il-perjodu ta' żmien għall-ġbir ta' ċertifikati ta' firem u sabiex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet huwa limitat għal 12-il xahar qabel ma jiġi sottomess lill-Kummissjoni.

i) Il-kumitat taċ-ċittadini jista' jippreżenta l-inizjattiva personalment lill-Kummissjoni "f'livell xieraq" u se jkun hemm seduta fil-Parlament Ewropew. Fi żmien tliet xhur, il-Kummissjoni tippubblika komunikazzjoni fejn tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha u r-raġunijiet għaliex aġixxiet jew għaliex ma għamlitx dan.

j) L-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini u l-awtoritajiet huma soġġetti għal regoli ta' protezzjoni tad-dejta sabiex jiġi żgurat li d-dejta personali tinġabar biss għall-iskop tal-inizjattiva, għal ebda raġuni oħra, u tinqered wara l-inizjattiva. L-organizzaturi huma wkoll soġġetti għal penali għal kwalunkwe ksur ieħor tar-regolament, bħal firem frodulenti.

Il-leġiżlazzjoni ma TAGĦTIX dritt awtentiku ta' inizjattiva leġiżlattiva liċ-ċittadini peress li mhijiex vinkolanti fuq il-Kummissjoni. Anki jekk ECI tirċievi l-ammont meħtieġ ta' firem u tikkonforma mar-regolamenti kollha, il-Kummissjoni xorta waħda tista' tiddeċiedi li tiċħad l-inizjattiva. L-ECI trid titqies bħal dak li hi: għodda li tistabbilixxi aġenda li tippermetti liċ-ċittadini sabiex mhux biss jiġbdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni, iżda anki tal-midja u tal-pubbliku ġenerali lejn ċertu suġġett u sabiex jinfetaħ dibattitu madwar l-Ewropa dwaru.